**85. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas-Seduta Nru.230 tas-17 ta' Jannar 1979, il-Kamra tad-Deputati approvat l-għotja ta' sit f'Ħal Far, lil Ħal Ferħ Holidays Company Limited;

U billi l-imsemmija Kumpannija talbet li ġġedded l-istess kirja taħt il-kundizzjonijiet diġa' approvati mill-Kamra tad-Deputati, iżda biż-żieda li l-istess kirja tkun tista' tiġi terminata bi preavviż ta' sitt xhur;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xierqa li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Ghalhekk huwa b'dan riżolut li s-sit f'Ħal Far jista' jiġi mogħti lill-imsemmiha Kumpannija, Ħal Ferħ Holidays Company Limited b'kera għal tliet snin mill-1 ta' Awissu, 1983, skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet diġa' approvati mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta fuq imsemmija, biż-żieda li l-istess kirja tkun tista' tiġi terminati bi preavviż ta' sitt xhur.

08.07.1983